Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 - L-ERBGĦA, 16 TA' DIĊEMBRU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier (sat-20:28) |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (sat-20:28) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Franz Josef Bartoli | Skirvan tal-Kunsill |
| Skużati: | David Thake | Viċi Sindku |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Buhagiar, Thake u Piscopo kienu infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopja tal-emails annessi f'A.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Tabone ressaq emenda biex mal-aħħar sentenza tal-para. 3.10 jiżdied il-kliem *"fejn kien hemm ilmenti mill-Kunsillieri Tabone u A Grima dwar ksur ta' data protection dwar ġbir ta' informazzjoni fuq individwu."* Din l-emenda kienet approvata.

2.3. Il-Kunsillier A Grima ressaq emenda biex f'para. 4.6 jinqatgħu il-kliem "*l-MTA ma tieħux*" u minflok jiddaħħlu l-kliem "*il-Kunsill ma jissuġerixxix lill-MTA biex tieħu*". Din kienet approvata.

2.4. Is-Sindku ressqet emenda biex jiżdiedu żewġ sentenzi fl-aħħar ta' para. 3.5 li jgħidu: "*Il-Kunsillier Tabone stqarr li, sa fejn jiftakar hu, ma kienx hemm kontijiet pendenti mal-kuntrattur Armeni. Talab però li (l-Aġent SE) jiddiskuti mas-SE preċedenti.*" Din l-emenda kienet approvata.

2.5. Il-Kunsillier A Grima talab li titħassar l-aħħar sentenza ta' para. 10.4. Il-Kunsill però m'aċċettax din l-emenda.

2.6. Il-Kunsillier Tabone ressaq emenda biex fl-aħħar ta' para. 10.4 tiżdied sentenza "*Il-Kunsillier Tabone talab li terġa ssir konsultazzjoni.*" Din kienet approvata.

2.7. Il-Kunsillier A Grima talab li minn para. 10.5 jinbidlu l-kliem "*il-Kunsillier Bugeja*" ma' "*il-Kunsill"*. Il-Kunsill m'approvax din l-emenda bi tlieta favur (il-Kunsillieri Tabone, A Grima u Barbara), sitta kontra (is-Sindku u l-Kunsillieri Bugeja, Fenech, Vella, Bezzina u Cremona) u l-Kunsillier D Grima li astjena minħabba li fil-laqgħa ta' qabel ma kienx preżenti. L-Aġent SE kien mitlub li jniżżel fil-minuti li l-Kunsillier Barbara ivvota favur minkejja li ma kienx preżenti għal-laqgħa preċedenti.

2.8. Il-Kunsill approva emenda mressqa mill-Kunsillier Tabone biex mill-para. 12.4 jitneħħew il-kliem "*u s-Segretarju Eżekuttiv Chircop*" filwaqt li tiddaħħal sentenza oħra fl-aħħar "*Dan għamlu minħabba urġenza ta' xita kontinwa, ħsarat u nuqqas ta' fondi.*".

2.9. Il-Kunsill approva emenda mressqa mill-Kunsillier Bugeja biex bejn il-kliem "*tal-Bord"* tiddaħħal il-kelma "*Advisory*".

2.10. Il-Kunsill approva emenda mressqa mis-Sindku biex fl-aħħar ta' para. 6.2 tiżdied sentenza "*L-accountant ikkonfermat li d-dejn ma kienx dovut għall-PPP (tat-toroq)*".

2.11. Wara, l-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

3. **PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Is-Sindku infurmat li dwar para. 4.9 dwar attività maċ-Ċentru LEAP l-attività fil-ġnien tal-Veċċ tħassret u minflok saret ġewwa minħabba li kien il-maltemp.

3.2. Il-Kunsillier A Grima irreferi għal para. 3.4 u talab li l-Kunsill jindaga minħabba li dehrlu li l-Kunsill kien miżinformat minħabba li ma kien hemm l-ebda garaxx.

3.3. Il-Kunsillier Tabone rrefera għal para. 5.9 fejn innota tiżjin f'Burmarrad inqas mis-sena l-oħra. Is-Sindku kkonfermat dan u żiedet li kienet diġà staqsiet dwar dan fejn ġiet infurmata li s-sena l-oħra, minkejja li l-Kunsill kien ħareġ €1,500, l-ispejjeż kienu iktar minn hekk, u allura ma kinux issewwew id-dwal li kien hemm bil-ħsara.

3.4. Il-Kunsillier Cremona staqsa jekk kienx hemm żviluppi għal para. 3.9. Il-Kunsill kien infurmat li kienu nnutati pulizija fil-post u għalhekk jidher li l-Pulizija kienu qed jieħdu l-passi meħtieġa.

3.5. Is-Sindku rreferiet għall-para. 8 fejn infurmat li l-Kunsill kien daħal fi sħab mal-AKL. Infurmat ukoll li l-persuna li kien se jkun involut fil-proġett qabel twaqqaf.

3.6. Dwar para. 10 is-Sindku infurmat li kien tkompla l- proċess fejn sar tibdil ta' xi firem filwaqt li ma nbidel xejn aktar minn dak li kien hemm qabel.

4. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

4.1. Is-Sindku rreferiet għall-komunikazzjoni mingħand l-Ombudsman minħabba nuqqas ta' risposta għal ilmenti minn resident li kienet tikkonċerna talba dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq San Ġilardu. Hija infurmat li kien hemm talbiet kuntrarji. Infurmat ukoll li TM jitolbu li ssir konsultazzjoni f'każijiet hekk. F'dan il-ħin il-Kunsill alloka ftit ħin biex jisma numru ta' residenti li xtaqu jitkellmu u għalhekk issospenda l-aġenda.

4.2. Meta l-laqgħa tkompliet madwar għaxar minuti wara kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

4.3. L-Aġent SE ippreżenta email mingħand id-Direttur li kienet waslet tliet siegħat qabel bdiet il-laqgħa. Huwa għadda kopja tagħha lil kull membru. Din l-email kienet tikkonċerna l-inizjattiva li l-Kunsill kien qiegħed jikkollabora fiha biex titpoġġa magna fejn wieħed jista' jitfa' l-fliexken tal-plastik fiha. Informa li dwar dan huwa jinsab f'kuntatti mal-avukat tal-Kunsill li qiegħed isostni li l-Kunsill mhu qiegħed jikser l-ebda liġi.

4.4. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-proposta għall-korsijiet tal-kompjuter minn TCTC għall-prezz ta' €1100. Il-Kunsill approva.

4.5. Is-Sindku infurmat li l-Gvern Ċentrali kien qiegħed joffri żewġ WIFI spots f'kull lokalità. Hija talbet lill-Kunsillieri biex jgħaddu l-proposti tagħhom kemm jista' jkun malajr. Kien hemm qbil li jintbagħtu l-proposti kollha filwaqt li l-Kunsill jirrimarka li San Pawl il-Baħar m'għandux jingħata biss żewġ postijiet minħabba l-kobor tiegħu.

4.6. Is-Sindku infurmat li r-Reġjun kien qiegħed iħejji s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Inġinier elettriku. Għandha tintbagħat kopja lill-Kunsillieri kolha biex jistgħu jikkummentaw dwaru.

4.7. Is-Sindku infurmat li kienu waslu numru ta' talbiet għall-estensjonijiet tal-bankini biex ipoġġu l-imwejjed u siġġijiet. Hija pproponiet li l-Kunsill għandu jifforma sottokumitat biex jifformula policy għall-approvazzjoni ta' talbiet simili. Il-Kunsill qabel filwaqt li qabel ukoll li s-sottokumitat ikun magħmul mis-Sindku u mill-Kunsillieri Cremona u D Grima.

4.8. Is-Sindku rreferiet għall-kontijiet tal-kuntrattur Armeni li jikkonċerna d-dawl tal-Milied tas-sena 2014. Il-Kunsillier Tabone ikkonferma li l-kuntrattur Armeni kien għamel xogħol ta' dawl tal-Milied iżda iddikjara li huwa kien aċċertat fl-aħħar ta' Jannar 2015 li ma kienx hemm aktar kontijiet pendenti relatati mal-Milied ta' qabel.

5. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI**

5.1. Kienet ippreżentata l-lista ta' kontijiet pendenti.

5.2. Il-Kunsillier A Grima staqsa għaliex kien hemm numru ta' ċekkijiet ikkanċellati. F'dan il-ħin għaddiet il-mistoqsija lill-iskrivan tal-Kunsill (Bartoli) li huwa l-persuna li jipprepara ċ-ċekkijiet. Is-Sur Bartoli informa li minħabba li ċ-ċekkijiet bdew jiġu stampati u mhux aktar miktuba bl-idejn, kien hemm diffikultaijiet ta' ċekkijiet li ma' jgħaddux tajjeb mill-printer.

5.3. Is-Sindku infurmat li kien għad hemm numru ta' kontijiet antiki pendenti ġejjin mil-leġiżlatura preċedenti. Hija staqsiet lill-Kunsillier Tabone jekk kienx f'pożizzjoni, bħala ex-Sindku, li jikkonferma l-pagamenti hu. Il-Kunsillier Tabone

però talab li dawn il-kontijiet ikunu diskussi mal-ex Segretarju Eżekuttiv Frans Chircop. Appena jkun hemm konferma mingħand is-Sur Chircop dawn jitħallsu.

5.4. Il-Kunsillier Cremona staqsa dwar il-kontijiet relatati ma' xogħol fuq dwal fiż-żona tal-veċċja. Huwa informa li, sa fejn jaf huwa, xogħlijiet relatati mad-dawl tal-veċċja ma kinux saru.

5.5. Il-Kunsillier A Grima irrimarka għall-fatt li l-Kunsill qiegħed juri l-infiq, speċjalment fuq l-attivitajiet, u mhux qed ikun infurmat xi dħul ikun hemm. L-Aġent SE infurmah li mil-laqgħa li jmiss se jibda jippreżenta wkoll id-dħul li jkun hemm biex il-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa.

5.6. F'dan il-ħin il-Kunsillieri Tabone u Barbara talbu li jkunu skużati mill-kumplament tal-laqgħa.

5.7. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar kont numru 974 dwar żblokk ta' drenaġġ jekk il-Kunsill hux responsabbli hu. Kien hemm qbil li qabel ma dan jitħallas kellu jkun ikkonfermat jekk il-Kunsill huwiex responsabbli mill-ħsara jew le.

5.8. Il-Kunsillier A Grima informa li ftit qabel il-laqgħa talab u ngħata informazzjoni mill-Aġent SE dwar il-ħlasijiet tal-proġett tat-toroq tal-PPP. Filwaqt li ma kellux il-ħin li jeżamina d-dokument li għaddielu l-Aġent SE huwa kien qiegħed jifhem li dwar il-PPP kollox kien qiegħed kif suppost.

5.9. Fil-każ tal-offerti il-Kunsill kien infurmat li ma kienx laħaq iltaqa' l-Bord tal-evalwazzjoni. Madanakollu, fir-rigward tal-kwotazzjonijiet għall-uniformijiet il-Kunsill approva l-unika offerta sottomesssa li kien hemm mingħand INDesign u li ġiet meqjusa raġjonevoli. Dwar l-offerta għat-tindif tal-latrini l-Kunsill jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss.

5.10. L-Aġent SE informa lill-Kunsill li s-Sindku u hu kellhom laqgħa ma' ċertu Anamaria Magri Pantea li hija konsulenta fuq proġetti b'finanzjament Ewropew. Huwa spjega li din il-konsulenta qed tipproponi servizz li jidhrilu li għall-Kunsill huwa ta' benefiċċju. Is-servizz inizjali u li tiegħu talab il-Kunsill jikkonsidra li japprova huwa dak li l-Kunsill jgħaddilha kull idea li jista' jkollha ta' proġetti u prijoritajiet filwaqt li hi tlaqqa' dawk l-ideat ma' programmi li l-Kunsill ikun jista' japplika għalihom. Għal dan is-servizz qed titlob €450 apparti l-VAT. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jaċċetta dan is-servizz.

5.11. Il-Kunsillieri għalhekk kienu mitlub jgħaddu l-ideat tagħhom għall-possibiltà ta' proġetti b'finanzjament Ewropew.

## 6. ĦATRIET TA' KARIGI ĠODDA FL-AMMINISTRAZZJONI

6.1. Il-Kunsill kien infurmat li l-Bord tal-Għażla ma rnexxilux isib ħin biex jiltaqa' u jressaq ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill. Kien għalhekk maqbul li l-Bord jiltaqa' it-Tnejn 21 ta' Diċembru fit-3pm.

6.2. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku kien hemm qbil li jekk il-Bord jaqbel b'mod unanimu fuq iż-żewġ uffiċjali li jridu jinħatru, allura titqies li r-rakkomandazzjoni hija approvata mill-Kunsill. Madanakollu, jekk il-Bord ma jaqbilx unanimu fuq iż-żewġ persuni, allura titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

7. **IL-PROPOSTA TA' GREEN MT GĦAS-SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART RIĊIKLABBLI**

7.1. Il-Kunsillieri kienu mfakkra li l-proposta mingħand Green MT kienet mibgħuta lil kull membru bl-email appena kienet waslet. Intqal li hemm problema fuq ħinijiet ta' ġbir u tbattil ta' reċipjenti li għandhom ikunu indirizzati fil-kuntratt il-ġdid.

7.2. Kien suġġerit li ssir laqgħa ma' Green MT biex tkun diskussa l-proposta filwaqt li jkunu inklużi talbiet u proposti mill-Kunsill. Il-Kunsillieri għalhekk kienu mitluba biex jekk ikollhom xi proposti jressquhom.

8. **PJAN U BAĠIT**

8.1. L-Aġent SE fakkar fil-ħtieġa li l-Kunsillieri jgħaddu l-proposti tagħhom biex possibilment ikunu inklużi fil-Pjan u fil-baġit. Tressqu dawn is-suġġerimenti:

8.1.1. Li ssir il-website

8.1.2. Parkeġġ fil-Qawra

8.1.3. Sistema ta' traffiku

8.1.4. Żieda fid-dawl tat-toroq

8.1.5. Titjib fiż-żamma tal-ġonna

8.1.6. Li jsiru *drinking water fountains* mal-promenade

8.1.7. Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern

8.1.8. Li jsiru u jkunu finalizzati l-Bye Laws.

9. **TMIEM IL-LAQGĦA**

9.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa kienu mressqa dawn li ġejjin:

9.1.1. Il-Kunsillier Bugeja ippropona li *ż-zebra crossing* fejn il-May Pole għandha tinżel l-isfel lejn il-Pjazza. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba lil TM.

9.1.2. Is-Sindku semmiet *iż-zebra crossing* li hemm fi Triq il-Paċi fejn il-Kunsill qabel li jitlob lil TM biex titneħħa għaliex m'hemmx bżonnha.

9.1.3. Il-Kunsilliera Bezzina infurmat li l-ħarġa ta' Diċembru se tkun żjara lil numru ta' presepji filwaqt li qed tippjana l-ħarġa ta' Jannar.

9.1.4. Il-Kunsilliera Fenech semmiet il-bżonn li jsiru aktar *bus shelters.* Il-Kunsillier A Grima però infurmaha li hemm problema li qed tiġi indirizzata mill-Ministeru tat-Trasport.

9.1.5. Il-Kunsillier Bugeja rrimarka dwar il-fatt li din is-sena d-dawl tal-Milied dam biex kien installat. Għalhekk esprima x-xewqa li darba oħra x-xogħol jibda qabel.

9.1.6. Il-Kunsillier Vella fakkar fil-globi li huma b'kuluri differenti. Il-Kunsillier Cremona infurmah li dak kien fir-responsabbiltà tal-MTA.

9.1.7. Il-Kunsillier Cremona ilmenta mill-ħaxix li hemm fil-promenade tax-Xemxija.

9.1.8. Il-Kunsilliera Bezzina infurmat li hemm qasrija fejn il-Kappella ta' fejn il-Gillieru li hija vojta u talbet biex titħawwel *hibiscus*.

9.1.9. Il-Kunsilliera Fenech infurmat li kienu waslula ilmenti mingħand residenti li kienu qed jibgħatu emails biex jitolbu l-*humps* fis-service roads u għadhom

bla risposta. Il-Kunsill esprima li ma kienx favur li jkun hemm dawn il-*humps*.

9.1.10. Il-Kunsillier A Grima ippropona li i jsir park tal-klieb u żona fejn iħammġu l-klieb fejn issuġerixxa ż-żona quddiem iċ-Cherry Tree.

9.1.11. Il-Kunsillier D Grima ippropona li l-Kunsill għandu jara kif jagħmel u jwaqqaf il-kuntratt tal-Gym mill-aktar fis jekk dan huwa possibli. Il-Kunsill qabel.

9.1.12. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jista' jkun hemm post alternattiv fejn il-Kunsill kien qiegħed jitlob id-devoluzzjoni, fejn hemm is-Sirens FC.

9.1.13. Is-Sindku ipproponiet li tibda tiġi organizzata wirja li tinkludi arti u fotografija. Hija qed tantiċipa li l-ispejjeż ikunu minimi ħafna. Il-Kunsill qabel.

9.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa t-13 ta' Jannar 2016 fis-7pm.

9.3. Il-laqgħa intemmet fl-22:00.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |